## 21 ta' Novembru, 1958

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Rossignaud ne.

*versus*

Anthony Xuereb

**Għajnuna Soċjali — "Relief" — Mara — Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali — Illeġittimità tal-Persuna — Separazzjoni Personali — Familja — "Household" — Art. 2 u 26 tal-Att VIII tal-1956.**

*Il-persuna li tkun qegħdha taġixxi bħala Aġent Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, bis-saħħa ta' Notifikazzjoni tal-Gvern li tkun innominatha bħala Aġent Direttur ta' dak id-Dipartiment, hija persuna leġittima biex tistitwixxi kawża biex teżiġi r-rifużjoni lil dak id-Dipartiment ta' ammont ta' għajnuna soċjali meta hemm lok għal dik ir-rifużjoni; għaliex ġuridikament dik il-persuna tkun il-Kap tad-Dipartiment. U dan apparti milli, bħala li dik il-persuna hija amministratur publiku, dik l-eċċezzjoni ma tistax tingħata kontra tagħha.*

*Meta d-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, iidħirlu li persuna li titlob jew tirċievi għajnuna soċjali, għandha l-konjuġi, il-missier, l-omm jew it-tfal, li jistgħu u huma legalment tenuti li jmantnuha, hu għandu d-dritt, skond il-liġi, li jipproċedi kontra l-persuni hekk tenuti biex iġiegħelhom jagħtu l-manteniment lil dik il-persuna jew jirrifondulu l-għajnuna soċjali li tkun tħallset lil dik il-persuna jew fl-interess tagħha.*

*Jekk ir-raġel ikun mifrud legalment minn martu u l-ulied komuni jkunu fdati mill-Qorti lill-martu, u jonqos li jmantnihom skond l-obligu li għandu, u l-mara tottjeni l-għajnuna soċjali għal dawk it-tfal fiż-żmien li hu naqas li jmantnihom kif kien obligat, dak ir-raġel hu obligat jirri-*

*fondi lid-Dipartiment imsemmi l-għajnuna soċjali hekk imħallsa għall-manteniment ta' dawk it-tfal.*

*Mhix aċċettabbli l-eċċezzjoni tar-raġel, f'każ simili, li dik l-għajnuna soċjali ġiet mitluba minn martu, u lilha mħallsa, mingħajr il-kunsens tiegħu, u li martu ma kienetx persuna leġittima biex titlob u tirċievi dik l-għajnuna soċjali; u dan avvolja il-mara tkun mifruda minnu bi ħtija tagħha u ma għandhiex dritt għall-alimenti tagħha nnfisha, ladarba t-tfal jinsabu affidati lilha.*

*Lanqas jista' jiġi eżawdit ir-raġel konvenut għall-imsemmija rifużjoni, meta dan jallega illi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Għajnuna Soċjali jinkapaċitaw lill-martu milli titlob l-għajnuna soċjali għat-tfal tagħha u tiegħu. Hu veru li l-liġi ssemmi lill-kap tal-familja bħala dak li jirrikorri għall-għajnuna soċjali. u illi l-kap tal-familja hu definit mill-istess liġi bħala, fil-każ ta' familja ta' żewġ persuni jew iżjed, il-missier, jew l-omm jekk dan ikun imsiefer jew inkapaċitat; imma l-liġi ma tieqafx hawn, u tmur aktar il-quddiem, billi tiddisponi illi l-kelma "familja" ("household") tfisser persuna waħda li tabita weħedha jew żewġ persuni jew iżjed li jabitaw flimkien bħala familja; u meta r-raġel jinsab mifrud minn martu u jgħix separatament għalieh, hu ma jiffurmax parti mill-istess "household" ta' martu u uliedu; il-familja, għall-finijiet ta' din il-liġi, tkun tikkonsisti f'l-mara u uliedha li jgħammru flimkien, u l-kap tagħha, dejjem skond dik il-liġi, ma huwiex il-missier, imma hu dik il-persuna li fiċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ tkun il-kap tal-familja "fil-fehma tad-Direttur", u dan, meta ħareġ l-għajnuna soċjali għat-tfal f'idejn ommhom, evidentement ikun ikkunsidra bħala kap tal-familja lill-omm; u allura kienet din li skond il-liġi setgħet titlob u tirċievi l-għajnuna soċjali għall-uliedha. ladarba d-Direttur imsemmi deherlu li fiċ-ċirkustanzi tal-każ kienet hija l-kap tal-"household".*

*U dan mingħajr ma jagħmel differenza l-fatt illi, skond is-sentenza tas-separazzjoni, dik il-mara ma kellhiex dritt għall-alimenti tagħha proprji minn għand żewġha, jew li ma kienetx awtorizzata tagħmel l-atti tal-ħajja ċivili mingħajr l-assistenza ta' żewġha; kif lanqas il-fatt illi huwa ppro-*

*testa mad-Dipartiment biex ma jagħtix din l-għajnuna soċjali. F'lok ma pprotesta, bil-konsegwenza li uliedu jibqgħu bla manteniment, obligu liegħu kien, u hu, li jmantni lill-uliedu; u la dawn ġew mantnuti bl-għajnuna soċjali, obligu ta' dak ir-raġel hu li jirrifondi lill-Istat il-flus imħallsa f'dik l-għajnuna.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-Dipartiment minnu rappreżentat ħallas bħala assistenza soċjali lil Maria Xuereb mart il-konvenut, għall-manteniment tagħha u tal-ulied minuri tal-istess konvenut, George, Anthony u Joseph, is-somma ta' £28.14.0, korrispondenti għal erbatax il-ġimgħa mill-20 ta' Novembru 1957 sas-27 ta' Frar 1958 bir-rata ta' £2.2.0 fil-ġimgħa; illi l-attur deherlu illi l-konvenut huwa legalment tenut għall-manteniment tal-imsemmija martu u wliedu, u li hu jista' jħallas, peress huwa mpjegat bħala "meter tester" fil-"Water & Electricity Department", u qiegħed jaqla' £5.13.0 fil-ġimgħa, u dan għall-fini tal-art. 26 tal-Att VIII tal-1956; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn dik il-Qorti jħallas lill-attur is-somma ta' £28.14.0, dovuta kif fuq intqal lill-attur nomine għal daqstant ieħor imħallas mill-istess attur lil Maria Xuereb mart l-istess konvenut għall-manteniment tagħha u tal-imsemmija wliedha għall-perijodu mill-20 ta' Novembru 1957 sas-27 ta' Frar 1958, u li huwa obligat iħallas skond l-art. 26 tal-Att nru. VIII tal-1956 u għar-raġunijiet fuq indikati; bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Marzu 1958, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta, qabel xejn, illi l-attur ma għandux azzjoni kontra l-konvenut, peress li l-liġi tagħti l-azzjoni lid-"Direttur" skond kif definit fl-Att VIII tal-1956, f'liema definizzjoni mhux inkluż l-"Aġent Direttur"; u fil-meritu illi l-konvenut mhux tenut iħallas manteniment lill-martu proprio et nomine;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut, u laqgħet it-talba

tal-attur nomine; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenut;

Illi din l-eċċezzjoni tammonta għal eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna fis-sens tal-art. 781 tal-Proċedura Ċivili, billi l-konvenut jippretendi illi l-attur qiegħed iħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor, jiġifieri tad-Dipartiment tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, mingħajr ma huwa awtorizzat skond il-liġi għal daqshekk;

Illi mhux kontestat illi d-Direttur ta' dak id-Dipartiment huwa Frederick F. Amato Gauci, u illi fl-assenza tiegħu ġie, b'Notifikazzjoni tal-Gvern tat-2 ta' Jannar 1958, nominat l-attur biex jagħmilha ta' Direttur minfloku; l-attur huwa, għalhekk, ġuridikament il-Kap ta' dak id-Dipartiment, jew għall-anqas amministratur publiku; u f'din il-kwalità huwa għandu r-rappreżentanza ġudizzjali lilu mogħtija b'mod ġenerali mill-liġi ordinarja (arg. art. 180 (a) u 466 tal-Proċedura Ċivili; Kollez. XXXIV-I-337); u għalhekk ma tistax tingħata kontra tiegħu l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna (art. 789 u 180 Proċ. Ċiv.). U f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXIII-I-87);

Illi xejn ma jiswa li l-Att VIII tal-1956, li fuqu qegħdha ssir din il-kawża, isemmi biss id-Direttur, u mhux anki l-Aġent Direttur; għaliex l-azzjoni tinsab mogħtija lilu mhux għal xi konsiderazzjoni personali, imma bħala Kap tad-Dipartiment, u għal dawk l-atti minnu magħmula fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Fil-liġi ma hemm xejn li jillimita dan l-eżerċizzju; u għalhekk il-fatt li l-attur qiegħed jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' amministratur publiku huwa prova fiha nnfisha li huwa għandu d-dritt li jaġixxi kif qiegħed jagħmel. "Acting in a public capacity or relation", josserva Halsbury, " "is evidence of the title so to act, even in favour of the party so acting, and even against third persons who have in no way acquiesced therein; moreover, acting in a public office is evidence of due appointment, although the appointment...... is directly in issue in the proceedings" (Laws of England, Vol. XIII,

para. 628). *Del resto, il-konvenut ma ppruvax illi* l-attur ġie invalidament nominat fil-kwalità espressa fiċ-ċitazzjoni

Għaldaqstant, il-preġudizzjali opposta mill-konvenut mhix sostenibbli;

U fil-meritu;

Illi l-konvenut, fix-xhieda tiegħu fol. 14, spjega li huwa ma għandux iħallas l-ammont mitlub billi martu, meta ppretendiet tiegħu f'idejha l-uliedha, qalet li kellha mnejn tmantnihom, u fil-fatt qatt ma talbitu l-manteniment tagħhom. Din il-pretensjoni, però, tista' talvolta tidħol fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenut u martu, iżda ma jistax ikollha ebda valur fil-konfront tal-attur. Fil-fatt, mbgħad, jirriżulta illi t-tfal u l-kura tagħhom ġew mill-*Qorti* tal-Appell, b'digriet *tad-9 ta' Awissu 1957*, mogħtija lill-mara tal-konvenut, u għalhekk hija kellha taħseb għall-għajxien tagħhom; u l-ammont mitlub jirrigwarda żmien posterjuri għall-imsemmi digriet;

Illi, għad li hu veru illi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq ċitata l-konvenut ma kellux *imantni* lill-martu, u illi fiċ-ċitazzjoni jingħad li s-somma mitluba hija għal rifużjoni ta' daqstant ieħor imħallas għall-manteniment ta' mart il-konvenut u ta' uliedhom, b'nota a fol. 11 l-attur fisser li hu qiegħed jitlob ir-rifużjoni tal-manteniment tat-tfal biss, u f'dan huwa suffragat mix-xhud John Attard, fejn qal illi l-għajnuna kienet ta' £2.1.0 fil-ġimgħa, kif del resto jingħad fil-premessi u qiegħed jintalab fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-ammont mitlub mhux kontestat, anzi huwa pruvat *bix-xhieda* tal-imsemmi John Attard;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba u milqugħa l-eċċezzjonijiet tal-istess konvenut; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Għad li fil-petizzjoni tal-appell ġiet, kif ġa ntqal, mitluba b'mod ġenerali r-revoka tas-sentenza appellata bl-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet mogħtija in prima istanza mill-konvenut, dan però, permezz tal-avukat tiegħu, iddikjara fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 1958 illi l-appell tiegħu hu limitat għall-meritu biss, eskluża d-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari;

It-talba tal-attur hija għar-rufużjoni ta' għajnuna soċjali mħallsa lil mart il-konvenut għall-manteniment tat-tliet uliedhom minuri George, Anthony u Joseph, matul iż-żmien mill-20 ta' Novembru 1957 sas-27 ta' Frar 1958;

Din it-talba hi bażata fuq l-art. 26 tal-Att tal-1956 dwar l-Għajnuna Soċjali, li jgħid hekk:— "When it appears to the Director that any person in respect of whom social assistance is claimed or received under this Act, has relatives, being his spouse, father, mother or children, who are able and legally liable to maintain him, the Director may take proceedings against such relatives before the competent Civil Court to compel them, either to supply maintenance to such person, or to refund any such assistance paid to or on behalf of such person";

L-attur hu, kif ġa ntqal, missier it-tliet itfal żgħar li għalihom tħallset mill-attur l-għajnuna soċjali. Ma hemmx dubju illi skond il-liġi ċivili hu obligat għall-manteniment ta' uliedu. Dwar l-abilità tiegħu li jmantnihom ma ntqal xejn mill-konvenut stess matul il-kawża kontra dak li qal l-attur fid-dikjarazzjoni tiegħu, ċjoè illi l-konvenut huwa mpjegat bħala "meter tester" fid-Dipartiment tal-Ilma u Elettriku, u jaqla' £5. 13.0d fil-ġimgħa;

Il-kontestazzjoni tal-konvenut, invece, hija illi l-attur ma għandux dritt għar-rifużjoni, peress illi l-għajnuna soċjali ġiet mitluba minn mart il-konvenut, u mħallsa lilha, mingħajr il-kunsens tiegħu, mentri hi ma kienetx persuna leġittima biex titlob u tirċievi dik l-għajnuna għan-nom ta' uliedha minuri;

Mill-proċess tal-kawża li għaliha saret riferenza jirriżulta illi l-konvenut u martu jinsabu legalment separati

b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1953, mogħtija fuq talba tal-konvenut u għal ħtija ta' martu. B'dik issentenza, il-kura tat-tfal ġiet fdata lill-konvenut, salv iddritt ta' martu li jkollha aċċess liberu lejhom. Iżda dan l-ordni dwar il-kura tat-tfal ġie wara, minn din il-Qorti, mibdul b'digriet tad-9 ta' Awissu 1957, li bih il-kura u l-kustodja ġiet avdata lill-omm, salv l-aċċess lejhom li ġie awtorizzat lill-konvenut. B'rikors tagħha tal-24 ta' Jannar 1958 mart il-konvenut, wara li esponiet illi l-istess konvenut ma kienx qiegħed jagħti ebda manteniment għall-imsemmija wliedu, u illi hi kienet applikat għar-"relief" biex tkun tista' tmantni lill-uliedha aħjar u dan ġie mogħti provviżorjament, u billi d-Dipartiment irid li l-missier iħallas għal dan il-manteniment, u qiegħed jimminaċċja li jwaqqaf ir-"relief" jekk hi ma tfittix id-drittijiet ta' uliedha, talbet biex din il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar il-manteniment tat-tfal u l-viżiti tal-konvenut skond id-digriet preċedenti. Fuq dan ir-rikors din il-Qorti, b'digriet tagħha tal-21 ta' Frar 1958, wara li kkonstatat li l-konvenut fil-fatt ma kienx qiegħed jagħti lill-martu l-manteniment għat-tfal komuni, *non ostante* t-twiddiba li kienet għamlitlu l-Qorti, issospendiet l-aċċess da parti tal-konvenut għat-tfal sakemm ma jkunx irriżulta li hu beda regolarment jagħtihom manteniment adegwat; iżda, billi dehrilha li fuq dak ir-rikors ma setgħetx tagħti provvediment dirett għall-ħlas ta' dawn l-alimenti mill-konvenut, il-Qorti rriżervat lill-martu li, jekk jidhrilha li għandha tagħmel hekk, timxi b'azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti;

*Mill-konfront tad-dati jidher ċar illi r-rifużjoni li qiegħed jitlob l-attur fil-kawża preżenti tirriferixxi* appuntu għall-għajnuna soċjali ("relief") li mart il-konvenut otteniet għat-tfal *provviżorjament* minn għand l-attur nomine kif hemm imsemmi fil-bran tar-rikors tagħha ċitat fil-paragrafu ta' *qabel dan*;

Apparti għall-mument minn kull liġi miktuba tal-bniedem, huwa ċar li omm li għandha taħt il-kura tagħha ulied minuri li missierhom jostina rasu li ma jmantnihomx, għandha d-dritt minn natura li tipprokura l-għajxien għalihom minn kull fejn leġittimament tista' almenu provviżorjament, sakemm jittieħdu provvedimenti legali oħra,

mingħajr b'daqshekk *il-missier ikun ħeles mill-obligu* tiegħu li jħallas għal dak l-għajxien. Ħadd ma għandu jippretendi li t-tfal għandhom jibqgħu bil-ġuħ jew privi sakemm il-missier jaqdi minn rajh, jew jiġi kostrett mill-Qorti li jaqdi, id-dmir tiegħu li jmantnihom; u l-ewwel persuna li għandha jkollha d-dritt li tassigura li sadattant it-tfal ikunu provvduti, salv dejjem l-obligu tal-missier, hija żgur l-omm li fil-kustodja tagħha jkollha lil dawk it-tfal. Kif intqal fid-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' April 1957, wara l-atti tal-kawża bejn *il-konvenut u martu* ġa fuq imsemmija, anki l-mara misjuba ħatja fil-kawża ta' separazzjoni għandha d-dritt li tinviġila fuq il-kura, it-*trobbija u l-edukazzjoni* ta' uliedha;

Skond il-prinċipji ġenerali, għalhekk, mart il-konvenut, għalkemm separata minnu għall-ħtija tagħha, ġa ladarba kellha taħt il-kura u l-kustodja tagħha t-tfal komuni, kellha d-dritt u l-obligu li, fin-nuqqas tal-konvenut li jmantnihom, tottjeni, almenu provviżorjament, l-għajxien tagħhom minn għand l-attur *nomine*, bla ħsara tad-dritt ta' dan li jirrepeti l-ammont minn għand l-istess konvenut;

Ġa qabel l-Att tal-1956 dwar l-Għajnuna Soċjali, kienet ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, bażata fuq prinċipji ġenerali, illi l-awtorità publika li tmantni jew tieħu kura ta' persuna li jkollha parenti li jistgħu u għandhom l-obligu skond il-liġi li jmantnuha, għandha d-dritt teżiġi r-rifużjoni minn għand dawk il-parenti, jekk mhux bis-saħħa ta' mandat espress jew taċitu, almenu bis-saħħa tal-azzjoni mogħtija lin-"negotiorum gestor" (ara Kollez. Vol. XXXI-I-372; XXXII-I-154);

*Id-dispożizzjoni ġenerali tal-art.* 26 tal-Att fuq imsemmi, li fuqu hi bażata l-azzjoni preżenti, mhix ħlief statwizzjoni leġislattiva ta' dawk il-prinċipji;

Il-konvenut, però, jippretendi illi appuntu d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att kienu jinkapaċitaw lill-martu li titlob l-għajnuna soċjali għat-tfal fil-każ preżenti, u dan prinċipalment minħabba d-definizzjoni li l-art. 2(1) ta' dak l-Att jagħti ta' "kap tal-familja". Il-konvenut jibbaża ruħu

partikolarment fuq is-subparagrafi (a) u (b) ta' dik id-definizzjoni, li jgħidu illi "kap ta' familja", dwar familja ta' żewġ persuni *jew iżjed,* ifisser (a) il-missier, u (b) l-omm *jekk il-missier ikun mejjet, imsiefer jew inkapaċitat.* Billi fil-każ preżenti dawn l-aħħar ċirkustanzi ma jirrikorrux għar-rigward tal-konvenut, hu jsostni li hu biss, bħala l-missier, seta' jitlob l-għajnuna soċjali, u l-attur nomine, kwindi, ma setgħax joħroġ dik l-għajnuna fuq talba ta' martu u jippretendi issa r-rifużjoni minn għandu;

Iżda d-definizzjoni fuq imsemmija ma tikkonsistix biss fiż-żewġ subparagrafi ċitati mill-konvenut. L-ewwelnett, l-istess frażi definita *tikkontjeni* l-kelma "familja" ("household"), li hi nnfisha definita separatament fl-istess artikolu. "Familja" tfisser persuna waħda li tabita weħedha, jew żewġ persuni jew iżjed li jabitaw flimkien bħala familja. Issa, fil-każ preżenti, il-konvenut jgħix u jabita separatament minn martu u uliedu; u għalhekk, għall-finijiet ta' dik id-definizzjoni, hu ma jiffurmax parti minn l-istess "household" tagħhom. Il-familja, dejjem għall-finijiet tal-liġi in kwistjoni, tikkonsisti mill-omm u tliet uliedha, li jgħixu u jgħammru flimkien, u l-kap tagħha, skond dik il-liġi, mhux il-konvenut. Dan hu, għalhekk, każ fejn iż-żewġ subparagrafi tad-definizzjoni msemmijin mill-konvenut ma jgħoddux, u jgħodd, minflok, is-subparagrafu (e), li jgħid illi f'ċirkustanzi speċjali titqies "kap" dik il-persuna li "fil-fehma tad-Direttur" tkun il-kap tal-familja. Id-Direttur evidentement deherlu, u ke'lu ovvjament bilfors jidhirlu, illi fiċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ il-"kap" tal-"household" kienet l-omm;

Din, immela, kienet il-persuna li skond il-liġi setgħet titlob u tirċievi l-għanuna soċjali għat-tfal, u ma kienx jagħmel ebda differenza l-fatt li skond is-sentenza tas-separazzjoni bejnha u l-konvenut hija nnfisha mhix intitolata għall-alimenti minn għandu, jew li ma hix awtorizzata tagħmel l-attijiet tal-ħajja ċivili mingħajru. Lanqas kien jagħmel differenza l-fatt, kieku stess kien hemm, kif ma hemmx, prova tiegħu fil-proċess, illi l-konvenut ipprotesta mad-Dipartiment biex ma jagħtix dik l-għajnuna soċjali. F'lok ma pprotesta, jekk ipprotesta, bil-konsegwenza li uliedu setgħu jibqgħu bla manteniment, obligu tal-konve-

naut kien, u hu, li jmantnihom; u issa li l-attur nomine mantnihom għal xi żmien minn f'loku minn flus publiċi, obligu tal-konvenut hu li jirrifondi lill-Istat dawk il-flus;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.